13 ta' Settembru 2016
76/2016

**ŻEWĠ VIGARJI ĠUDIZZJALI AĠĠUNTI FIT-TRIBUNALI EKKLEŻJASTIĊI**

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Mons. Lino Grech bħala Vigarju Ġudizzjali Aġġunt tat-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza, u lil Dun Brendan Gatt bħala Vigarju Ġudizzjali Aġġunt tat-Tribunal Ekkleżjastiku tal-Arċidjoċesi ta' Malta (l-Ewwel Istanza).

**Mons. Lino Grech** twieled fid-9 ta' Lulju 1945. Huwa rċieva l-edukazzjoni primarja għand is-sorijiet Agostinjani u l-Iskola tal-Gvern fil-Mosta, u l-edukazzjoni sekondarja fis-Seminarju tal-Arċisqof, il-Furjana. Fl-1961 daħal is-Seminarju Maġġuri fejn studja l-letteratura, il-filosofija u t-teoloġija.

Mons. Grech ġie ordnat saċerdot fit-22 ta' Marzu 1969. Beda il-ħidma pastorali tiegħu bħala viċi-kappillan fil-Mellieħa. Fl-1975 inħatar bħala l-ewwel kappillan tal-Manikata u kompla l-istudji tiegħu fil-Fakultà tat-Teoloġija fejn fl-1983 kiseb Diploma fit-Teoloġija Pastorali. Fl-1980 gie maħtur Kappillan tal-Parroċċa tal-Imġarr. Fl-1992 beda jservi fit-Tribunal bħala Attwarju imbagħad bħala Deputat Difensur taż-Żwieg, fl-istess waqt kiseb Diploma fid-Dritt Matrimonjali. Bejn l-1995 u 1997 studja l-Università Pontifiċja tal-Lateran u kiseb Liċenzjat fil-Liġi Kanonika.

Wara li temm l-istudji tiegħu f'Ruma ġie maħtur Imħallef fit-Tribunal Ekkleżjastiku tal-Arċidjoċesi ta' Malta (l-Ewwel Istanza) fejn serva sal-2011, meta ġie maħtur Imħallef fit-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza. Huwa jservi wkoll fil-Parroċċa ddedikata lit-Tlugħ fis-Sema tal-Verġni Marija, il-Mosta.

**Dun Brendan Mark Gatt** twieled fil-25 ta' Marzu 1978. Huwa rċieva l-edukazzjoni primarja u sekondarja fil-Kulleġġ De La Salle, il-Birgu. F'Settembru 1997 huwa daħal is-Seminarju tal-Arċisqof, Tal-Virtù, filwaqt li studja l-filosofija u t-teoloġija fl-Università ta' Malta. Bħala parti mill-formazzjoni saċerdotali tiegħu, matul is-sena akkademika 1999 – 2000, huwa qatta' sitt xhur jaħdem bħala ġurnalist u *producer* ma' Radju RTK, u sitt xhur oħra jikseb esperjenza pastorali fil-parroċċa *Our Lady of Mercy*, fil-belt ta' Baton Rouge, Louisiana (USA).

Dun Brendan ġie ordnat saċerdot fid-29 ta' Ġunju 2004. F'Settembru tal-istess sena kompla l-istudji tiegħu billi speċjalizza fil-Liġi Kanonika fl-Università Pontifiċja Gregorjana, Ruma. F'Ġunju 2007 huwa kiseb Liċenzjat fil-Liġi Kanonika. Wara dan, Dun Brendan segwa wkoll il-kors speċjalizzat ta' Diploma fil-Ġurisprudenza Kanonika fl-istess università.

F'Ġunju 2009 huwa rritorna Malta fejn ħadem bħala Difensur taż-Żwieġ u Promotur tal-Ġustizzja fit-Tribunal Ekkleżjastiku tal-Arċidjoċesi ta' Malta (l-Ewwel Istanza). Bejn l-2011 u l-2014 Dun Brendan serva wkoll bħala Mħallef fit-Tribunal Ekkleżjastiku tad-Djoċesi ta' Għawdex. Fl-2014 ġie maħtur Imħallef fit-Tribunal Reġjonali tat-Tieni Istanza, u f'Ġunju tal-2015 sar Imħallef fit-Tribunal Ekkleżjastiku tal-Arċidjoċesi ta' Malta (l-Ewwel Istanza).

Matul dawn is-snin, Dun Brendan serva wkoll f'parroċċi u f'komunitajiet diversi, inkluż il-parroċċa tiegħu, il-Mosta. Bejn l-2009 u l-2012 huwa kien Rettur taż-Żona Pastorali Marija Omm il-Knisja, f'Ta' Mlit, il-Mosta. Mill-2014 'l hawn huwa qed jgħin bħala saċerdot fil-Parroċċa ta' San Ġużepp, l-Msida; bejn l-2015 u l-2016 kien ukoll membru tal-Bord tad-Diretturi ta' Radju RTK.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** info@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**